# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 927/19 JVC**

**David Sammut (KI: 154488M) f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' Boat Maintenance Malta Limited C60726**

**vs**

**Ivan Gerald Zammit KI: 479166M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti David Sammut ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

‘Illi l-esponenti kienu joperaw boat yard gewwa Triq il-Mosta Hal Lija;

Illi l-intimat kien avvicina lill-esponenti sabiex izomm id-dghajsa tieghu fil-boat yard operata mill-esponenti u l-partijiet kienu dahlu fi ftehim sabiex l-intimat ikun jista’ jzomm id-dghajsa tieghu fil-boat yard operata mill-atturi kontra hlas ghall-ispazju li tkun qieghda tokkupa d-dghajsa u dan hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni;

Illi meta l-intimat ha d-dghajsa tieghu bl-isem ta' 'Easy l' fil-lok in kwistjoni huwa kien allokat spazju ghad-dghajsa tieghu, liema dghajsa kienet tpoggiet fuq il-gebel (bhala hard standing) minn persuni ngaggati mill-intimat stess;

Illi sussegwentement l-intimat attenda fil-boat yard tal-esponenti u pogga wkoll karru ta’ dghajsa fl-istess boat yard;

Illi l-atturi kienu infurmaw lill-intimat li l-karru kien qieghed jokkupa spazju ta' dghajsa ohra w ghalhekk kellu jew ipoggi d-dghajsa fuq il-karru jew altrimenti jhallas tal-ispazju okkupat mill-karru wkoll, pero jidher li l-intimat qatt ma ha l-azzjoni sabiex ipoggi d-dghajsa fuq il-karru;

Illi f'xi zmien l-intimat kien hareg il-karru tieghu mill-boat yard pero irrifjuta li jhallas ghall-ispazju okkupat mill-karru minghajr ebda raguni valida;

Illi f’xi zmien, u hekk kif ser jirrizulta fil-gbir tal-provi, l-atturi spiccatilhom il-kirja tal-boat yard u kienu kostretti li jivvakaw, illi pero l-intimat minkejja li kien infurmat sabiex ihallas l-invoices

minnu dovuti u sabiex jizgombra d-dghajsa tieghu huwa baqa’ inadempjenti;

Illi sabiex jevita jhallas il-fatturi li nhargulu, l-intimat kien ghamel diversi rapporti lill-Pulizija ezekuttiva u cioe li l-atturi ma kienux qieghdin ihalluh johorg id-dghajsa tieghu u dan hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi l-esponenti kienu inizjaw proceduri ghall-irkupru ta' flejjes dovuti ghall-fatturi li nhargu lill-intimat, liema proceduri ghadhom pendenti u minkejja li f’tali proceduri l-intimat kien allega li huwa ried johrog id-dghajsa tieghu mill-Boat Yard in kwistjoni pero li kienu l-atturi li ma hallewx johorg l-istess dghajsa, kien sar verbal fis-sens li gie ddikjarat li l-intimat kien liberu li johrog id-dghajsa tieghu;

Illi sa llum l-intimat ghadu ma attendiex sabiex jiehu d-dghajsa tieghu mill-boat yard in kwistjoni u dan minkejja li gew miftiehma madwar hames okkazzjonijiet fejn dejjem l-intimat jew l-agenti tieghu naqsu li jattendu biex jiehdu d-dghajsa;

Illi din l-azzjoni u/ jew nuqqas ta azzjoni da parti tal-intimat qieghda tikkawza danni finanzjarji kbar lill-esponenti stante li qieghdin jigi mmultati ta’ kuljum ghal kull gurnata li mhux qieghdin jizgombraw mill-boat yard lilhom mikrija u dan hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi minkejja numru ta ittri, emails w anke ittra ufficjali sabiex jizgombra d-dghajsa tieghu u sabiex ihallas l-ammont minnu dovut oltre li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti u li qieghdin jigu sofferti mill-esponenti, l-intimat baqa’ inadempjenti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja:-

l. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jizgombra d-daghjsa tieghu 'Easy l' mil-boat yard fi Triq il-Mosta, Lija, jew fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti jizgombraw l-imsemmija dghajsa a spejjez tal-intimat;

2. Tillikwida ammont dovut bhala hlasijiet dovuti mill-intimat ghall-okkupazzjoni fil-boat yard tad-dghajsa 'Easy l' u l-karru taghha sad-data li jigu zgumbrati u konsegwentement tikkundanna lill-intimat li jhallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti sad-data li tigi zgumbrata l-imsemmija dghajsa 'Easy l' u konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi;

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Settembru 2019 kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.’

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Ivan Gerald Zammit li taqra kif isegwi:

‘Illi preliminarjament it-talbiet tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez

kontra l-attur stante li l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u kellu jigi imharrek f'isem is-socjeta' I.G. Enterprises Limted (Cl8849);

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost hemm kawza sub judice quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar talba numru 530/2017 fuq l-istess merti u li ghadha mhux deciza;

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, permezz ta' ittra interpellatorja bi numru 3300/2019 datata 2 ta' Settembru 2019, l-konvenut gie interpellat ghall-hlas ta' somma mhux maghrufa li ghalija qed issir din il-kawza, liema somma zgur li zgur li ma jirrapprezentawx danni reali izda forzaturi initizi unikament biex l-attur japprofitta ruhhom mis-sitwazzjoni u zgur li l-pretensjonijiet taghhom ma humiex in linea mal-massima li d-danneggjat, filwaqt li ghandu dritt li jigi rizarcit huwa obbligat ukoll illi jimminimizza d-danni u mhux jarrikixxi ruhu minn fuq il-parti l-ohra;

Illi dak eccepit fil-paragrafu precedenti qed jinghad ghaliex il-konvenut ilu jistaqsi sabiex jiehu id-dghajsa zmien twil u in fatti ghamel ghal darbtejn kwerela lil pulizija sabiex tressaq lil attur akkuzat b' ezercizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet ai termini tal-Artikolu 85 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-attur zamm id-dghajsa tal-konvenut sabiex igieghel lill-istess konvenut ihallas pendenza ta' mija u hamsin ewro (€150) liema somma il-konvenut kien qed jikkontesta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost tajjeb li jinghad li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali) preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D illiberat lill-attur minhabba formalita ghaliex l-attur ma giex

mharrek f'isem il-kumpanija Boat Maintenance Limited u huwa propju ghalhekk li l-konvenut intavola kwerela mill-gdid;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess talba sabiex jinghata lura d-dghajsa il-konvenut ghamilha waqt is-smiegh tal-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u irrepetija fl-ittra ufficjali tieghu mibghuta lill-attur bin-numru 3553/2019 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili bhala risposta ghall-ittra ufficjali li inbghatet mill-attur;

Illi nonostante dan l-attur qatt ma halla lill-konvenut jiehu lura d-dghajsa propjeta tieghu, u dan minkejja diversi tentattivi sabiex dan isehh u dan kif ser jigi trattat ahjar fil-mori tal-kawza;

Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut dejjem hallas fil-pront ghall-allokazzjoni tad-dghajsa biss u qatt ma kien informat fuq hlas tal-allokazzjoni tal-karru u kien biss fl-ahhar kont li attur zied l-ispejjez tal-allokazzjoni tal-karru, liema karru kien jinsab fuq karrijiet ohra u ma kienx qed jokkuppa spazzju zejjed;

Illi fi sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur qatt ma avvicina lill-konvenut sabiex ippoggi d-dghajsa fuq il-karru u huwa biss f'dan ir-rikors odjern li qeda issir din il-proposta;

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din hija kawza frivola ghaliex l-konvenut ghandu diga spazju riservat ghall-allokazzjoni ta' dghajsa tieghu, fil-boat yard maghrufa bhala Ta' Baglu Boat Yard, Limiti tal-Balal, San Gwann, u dan jista jsehh minnufih meta l-attur joghgbu jirrilaxxa d-dghajsa lill-konvenut;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li ser jigu trattati fil-mori tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-istess attur illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat l-affidavits, xiehda, kopji ta' ittra ufficjali, kopji ta' ittri legali, screenshots ta' messaggi, ftehim, invoices, cokkorrenza, condition and valuation survey report, ritratti, kwerela, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat il-kopja tal-process tal-kawza numru 530/2017KCX fl-ismijiet Boat Maintenance Malta Limited -vs- Ivan Gerard Zammit quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar esebita fl-atti a fol. 145 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2019 Dr Jonathan Abela ghar-rikorrenti in vista tal-ahhar eccezzjoni tal-intimat Zammit talab li jinghata data u hin meta l-intimat jista jattendi u jigbor id-dghajsa tieghu u rat li Dr Christian Camilleri ghall-intimat ivverbalizza li wara li gie ritenut fil-verbal tar-rikorrenti jifhem li ghalhekk ir-rikorrenti m'huwiex ser jaghmel l-ebda ostakolu jew isibu ebda oggezzjoni illi l-intimat imur jiehu d-dghajsa tieghu u ghalhekk ghada stess fis-14.00 inkariga lil Gregory Boat Towing Services sabiex jigbed l-istess dghajsa u jipparkjaha fil-boatyard 'Ta' Baglu';

Rat illi fil-verbal datat 28 ta' April, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet liema trattazzjoni giet traskritta u tinsab fl-atti a fol. 315 et seq tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna titratta talba ghal zgumbrament ta' dghajsa bl-isem ta' 'Easy One' bin-numru ta' registrazzjoni S18724 minn gewwa boat yard li huwa gestit mis-socjeta' rikorrenti Boat Maintenance Malta Limited fi Triq il-Mosta, Lija. Apparti l-izgumbrament tad-dghajsa, is-socjeta' rikorrenti titlob likwidazzjoni tal-ammont dovut bhala hlasijiet ghall-okkupazzjoni tad-dghajsa u karru li tpogga wara fi spazju separat fil-boat yard, kif ukoll li jigi likwidat ammont rapprezentanti d-danni allegatament sofferti minnha u l-konsegwenti kundanna tal-intimat ghal hlas ta' tali ammonti. Il-Qorti tirrileva izda li din id-decizjoni jija limitata ghat-tieni u t-tielet talba stante li l-ewwel talba giet sorvolata billi d-dghajsa bl-isem ta' 'Easy one' bin-numru ta' registrazzjoni S18724 jirrizulta li giet imnehhija fil-mori tal-kawza.

**<u>Eccezzjoni preliminari tal-intimat li mhux il-legittimu kontradittur:</u>**

Illi l-intimat Ivan Gerald Zammit preliminarjament jeccepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li jsostni li mhux il-legittimu kontradittur u kellu jigi mharrek fl-isem is-socjeta' I.G. Enterprises Limited (C18849). Sabiex isahhah l-argument tieghu l-intimat esebixa dokument datat 19 ta' Mejju, 2021 mahrug mill-Malta Business Registry a fol. 67 tal-process li jikkonferma li prezentement Ivan Zammit (ID nru: 479166M) huwa direttur tas-socjeta' I.G. Enterprises Limited. L-intimat ipprezenta wkoll certifikat tar-registrazzjoni lis-sid ta' ingenji tal-bahar irrilaxxat minn Transport Malta datat 20 ta' Dicembru 2020 a fol. 68 tal-

process fejn jindika li d-dghajsa bin-numru ta' registrazzjoni S 18724 hija registrata fuq isem I.G. Enterprises Limited C18849.

Il-Qorti tinnota li ghalkemm mid-dokument ta' Transport Malta esebiet mill-intimat a fol. 68 tal-process jirrizulta li s-sid tad-dghajsa hija s-socjeta' I.G. Enterprises Limited, jigi rilevat li l-ftehim ghal hazna tad-dghajsa (a fol. 19 et seq) gie ffirmat mill-intimat Ivan Gerald Zammit f'ismu proprju u mhux f'isem is-socjeta' I.G. Enterprises Limited. In aggunta, fl-ittra datata 18 ta' Novembru, 2016 (a fol. 20) l-avukat Dr Andrew Grima kiteb f'isem l-intimat Ivan Gerald Zammit personalment u mhux bhala rapprezentant tas-socjeta' I.G. Enterprises Limited. L-istess jista' jinghad dwar il-ftehim datat 13 ta' Dicembru, 2019 a fol. 95 et seq li gie ffirmat mill-intimat Ivan Zammit f'ismu proprju ma' Carmel Spiteri, u l-condition and valutation survey report a fol. 104 et seq fejn bhala sid tad-dghajsa jindika lill-intimat Ivan Zammit.

Illi fid-dawl ta' dak espost il-Qorti temmen li din l-eccezzjoni hija wahda purament frivola u vessatorja in kwantu s-socjeta' I.G. Enterprises Limited fil-kuntest kollu tal-ftehim mar-rikorrenti ma tiffigura imkien. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**<u>Kunsiderazzjonijiet:</u>**

Illi sabiex jigi stabbilit jekk effettivament humiex dovuti hlasijiet relatati mal-okkupazzjoni tad-dghajsa u tal-karru fil-boat yard, u hlasijiet rapprezentanti danni, l-Qorti trid bilfors tinvestiga l-mertu tal-kaz billi bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar l-avveniment tal-fatti.

Illi r-rikorrenti isostnu li l-intimat Ivan Gerald Zammit kien qieghed jokkupa zewg spazji wiehed bid-dghajsa (li kienet pogguta fuq il-gebel) u l-iehor bil-karru. Isostnu li l-intimat irrifjuta li jhallas dak relatat mal-karru u meta l-intimat gie mitlub b'ittri, emails u anki ittra ufficjali sabiex jivvaka mill-boat yard billi s-socjeta' rikorrenti kienet spiccatilha l-kirja huwa baqa' inadempjenti bil-konsegwenza li kienu qeghdin jigu mmultati ta' kuljum.

Da parti tieghu l-intimat Ivan Gerald Zammit jichad dak sostnut mir-rikorrenti u jghid li huwa kien ilu jinsisti sabiex jiehu d-dghajsa zmien twil tant li ghamel zewg kwereli lill-Pulizija Ezekuttiva fuq akkuza ta' ragion fattasi ai termini tal-Artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta billi r-rikorrenti zammew id-dghajsa tieghu bl-awtorita' taghhom sabiex igieghluh ihallas l-ammont pendenti li kien qieghed jikkontesta.

Illi sabiex jigi stabbilit liema verzjoni tal-fatti ghandha mis-sewwa l-Qorti ser tghaddi sabiex telenka kronologikament dak li jirrizulta mid-dokumenti esebiti fl-atti:

i. Ittra legali datata 18 ta' Novembru, 2016 a fol. 20 tal-process mibghuta mill-intimat Ivan Gerald Zammit lil David Sammut ta' Boat Maintenance Malta Limited fejn interpellah sabiex jirrilaxxa d-dghajsa fi zmien tlett ijiem.

ii. Ittra legali datata 24 ta' Novembru, 2016 a fol. 74 tal-process mibghuta minn Boat Maintenance Malta Limited lill-intimat Ivan Gerald Zammit fejn permezz taghha taghmel referenza ghall-ittra tal-intimat tat-18 ta' Novembru, 2016 u li permezz taghha l-intimat gie nterpellat sabiex ihallas l-ammont relatat mat-trailer u sabiex fi zmien tlett ijiem imur jigbor l-oggetti mill-boat yard u fin-nuqqas

kien sejjer jinkorri spejjez ghall-kiri tal-ispazju li kien qieghed jokkupa.

iii. Skambju ta' emails bl-aktar ta' rilevanza tkun dik datata 11 ta' Dicembru, 2016 minn fejn jirrizulta li precedentement kienet intbghatet email ohra datata 12 ta' Novembru, 2016 a fol. 69 et seq tal-process fejn permezz taghha s-socjeta' rikorrenti Boat Maintenance Malta informat lill-intimat Ivan Gerald Zammit li kien hemm bzonn li d-dghajsa titnehha kemm jista jkun malajr u talbu sabiex il-bilanc jigi mhallas.

iv. Kwerela datata 6 ta' Dicembru, 2017 a fol. 264 tal-process mibghuta a nom tal-intimat Ivan Gerald Sammut lill-Ispettur tal-Pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali kontra David Sammut talli qed jiehu l-ligi b'idejh u qieghed izomm dghajsa li tiswa l' fuq minn €60,000 bhala garanzija ghal hlas ta' somma fl-ammont ta' €150.

v. Ittra datata 4 ta' April, 2018 a fol. 21 tal-process miktuba fuq il-letter head ta' Boat Maintenance Malta u ffirmata minn David Sammut lill-intimat Ivan Gerald Zammit fejn qieghed ifakkru sabiex fi zmien sebat ijiem inehhi d-dghajsa bin-numru ta' registrazzjoni S18724 li tinsab fil-boat yard fi Triq il-Mosta, Hal-Lija kif ukoll infurmah li jekk ma jnehhix id-dghajsa fi zmien stipulat il-mizata ser tkun dik ta' €500 + taxxa kull jum. Jirrizulta li din l-ittra ntbghatet permezz ta' email fil-5 ta' April, 2018 fuq l-istess indirizz elettroniku tal-intimat indikat fil-ftehim (fol. 53).

vi. Tahrika ta' kawza tal-Pulizija fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- David Sammut a fol. 78 tal-process akkuzat talli fis-6 ta' Dicembru, 2017 u fix-xhur ta' qabel gewwa Boat Maintenance Limited fi Triq il-Mosta, Lija ha l-ligi b'idejh bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Ligijiet ta'

Malta u talli naqas milli jattendi fl-Ghassa tal-Pulizija data tas-seduta 5 ta' Gunju, 2018.

vii. Ittra datata 28 ta' Ottubru, 2018 a fol. 55 tal-process mibghuta minn Boat Maintenance Malta Ltd lil Ivan Gerald Zammit fejn saret referenza ghall-email indikata fil-paragrafu bin-numru ruman v. tal-5 ta' April, 2018. Infurmawh li l-hlas fl-ammont ta' hames mitt ewro oltre l-VAT kien ghaddej kuljum kif ukoll sabiex jivvaka d-dghajsa altrimenti kienu ser javzaw lill-awtoritajiet.

viii. Skambju ta' messaggi bejn l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti u r-rikorrent David Sammut minn fejn il-Qorti rat li saru s-segwenti tentattivi sabiex id-dghajsa tigi rimossa:

a. 25.07.2019 fis-1pm – ma jirrizultax ir-raguni l-ghala thassret;
b. 06.08.19 fis-1pm – thassret mill-intimat billi dak li kien ser jigbidlu d-dghajsa kellu jsiefer;
c. 22.08.2019 fis-2pm – ma jirrizultax ir-raguni l-ghala thassret. Il-Qorti tinnota li kienu biss uhud mill-messaggi li gew inkluzi u huwa car li ohrajn thallew barra;
d. 10.09.2019 fil-5pm – ma jirrizultax x'gara fuq din id-data;
e. 11.09.2019 fit-3pm – jidher li fil-hin tat-3.30pm kien ghadu ma marx jigbor id-dghajsa.

ix. Skambju ta' messaggi bejn l-Avukat tal-intimat Dr Mario Mifsud u l-intimat Ivan Gerald Sammut minn fejn il-Qorti tinnota s-segwenti:

a. 25.07.2019 fis-1pm – appuntament thassar billi missier il-persuna ngaggata sabiex tigbed id-dghajsa kien qieghed imut;

b. 06.08.19 fis-1pm – appuntament thassar billi dak li kien ser jigbed id-dghajsa kellu jsiefer;

c. 22.08.2019 fis-2pm – m'hemmx raguni ghaliex thassar l-appuntament;

d. 10.09.19 fil-5pm – min kien ser jigbed id-dghajsa ma setax jaqdih minhabba l-maltemp;

e. 11.09.2019 fil-hin tat-3pm – il-korrispondenza bejn l-avukat u l-intimat waqfet bil-konsegwenza li l-appuntament ma giex konfermat lill-intimat.

x. Skambju ta' messaggi bejn l-intimat Ivan Gerald Zammit u certu Gregory Boat Towing a fol. 205 et seq tal-process datati 8 ta' Settembru, 2019 li jikkonfermaw li ma setghax jattendi fl-10 ta' Settembru, 2019 minhabba l-maltemp.

xi. Kopja tal-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2019 fil-kawza fl-ismijiet Boat Maintenance Malta Limited -vs- Ivan Gerald Zammit quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn gie vverbalizzat is-segwenti:

> 'Fid-dawl tad-deposizzjoni ta' David Sammut, id-difensuri tal-partijiet qeghdin, bla ebda pregudizzju ghall-pozizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, jaqblu seduta stante illi d-dghajsa u l-karru li jissemmew f'dawn il-proceduri jistghu jigu ritirati mill-istabbiliment tal-Attrici mill-Konvenut u/jew minn persuna minnu hekk awtorizzata minn ghada 11 ta' Lulju, 2019 'il quddiem, b'dana illi dan m'ghandux jigi interpretat illi s-Socjeta' Attrici qed tghati l-kunsens solament ISSA lill-Konvenut jaghmel dan peress illi l-istess Attrici ila titlob lill-Konvenut li jmur u jiehu d-dghajsa u l-karru ghal zmien twil qabel illum.'

xii. Ittra datata 10 ta' Awwissu, 2019 a fol. 22 tal-process mibghuta minn Boat Maintenance Malta Limited lill-intimat Ivan Gerald Zammit fejn interpellawh sabiex jivvaka d-dghajsa mil-boat yard u nfurmawh li l-mittenti sejra tipprocedi b'kawza ghad-danni li qieghda tinkorri minhabba n-nuqqas tal-intimat;

xiii. Ittra ufficjali bin-numru: 3300/19 datata 2 ta' Settembru, 2019 mibghuta minn Boat Maintenance Malta lil Ivan Gerald Zammit fejn gie, fost affarijiet ohra, interpellat sabiex jivvaka d-dghajsa tieghu mill-boat yard fi Triq il-Mosta, Hal-Lija a fol. 4 tal-process.

xiv. Ittra ufficjali pprezentata fit-13 ta' Settembru, 2019 a fol. 266 et seq tal-process minn Ivan Gerald Zammit lil David Sammut et fejn fost affarijiet ohra nterpellahom sabiex jirrilaxxaw id-dghajsa.

xv. Video mehud fis-17 ta' Lulju, 2019 esebit f'pendrive a fol. 93 tal-process minn fejn jirrizulta li l-intimat Ivan Gerald Zammit mar bit-trailor sabiex jigbor id-dghajsa pero' ghal ragunijiet li l-partijiet fix-xhieda f'dan il-process ma jaqblux fuqhom din ma ngabritx.

xvi. Verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2019 a fol. 91 tal-process fil-kawza fl-ismijiet Boat Maintenance Malta Limited -vs- Ivan Gerald Sammut fejn gie vverbalizzat mid-difensur tas-socjeta' rikorrenti illi:

> 'Dr. Jonathon Abela ghall-Attrici jirrileva illi minkejja li fl-ahhar seduta il-kontroparti talbu li ssir dikjarazzjoni li d-dghajsa tista' tigi liberament rilaxxjata, sallum minkejja li kien hemm cirka hames appuntamenti ffissati sabiex il-Konvenut jirtira d-dghajsa in kwistjoni, l-istess Konvenut naqas milli jattendi fil-gurnata u l-hin appuntati ghal dan il-

ghan. F'dan is-sens gew intavolati proceduri ad hoc ghall-izgombru tad-dghajsa.'

xvii. Verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2019 fil-kawza odjerna fejn gie vverbalizzat is-segwenti:

> 'Dr Abela ghar-rikorrenti in vista tal-ahhar eccezzjoni tal-konvenut Zammit qieghed jitlob li jinghata data u hin meta l-konvenut jista' jattendi u jigbor id-dghajsa tieghu.
>
> …
>
> Dr Camilleri ghall-intimat wara dak illi gie ritenut fil-verbal tar-rikorrenti, jifhem li ghalhekk ir-rikorrenti m'huma ser jaghmlu l-ebda ostakolu jew isibu ebda oggezzjoni illi l-intimat imur jiehu id-dghajsa tieghu u ghalhekk ghada stess fis-14:00, inkariga lil Gregory Boat Towing Services sabiex jigbed l-istess dghajsa u se jipparkjaha fil-boatyard Ta' Baglu.'

Illi minn dawn id-dokumenti suesposti l-Qorti tosserva li l-intimat Ivan Gerald Zammit m'ghamilx dak kollu necessarju sabiex inehhi d-dghajsa mill-boat yard gestita mis-socjeta' rikorrenti. Harsa lejn l-iskambju tad-diversi ittri/emails u korrispondenza varja jirrizulta li minn meta beda ghaddej dan l-iskambju ghadda zmien ta' madwar tlett senin mis-sena 2016 sas-sena 2019 sabiex id-dghajsa giet rimossa mill-intimat. Il-Qorti tinnota li f'perjodu tal-fuq minn sena bejn Novembru 2016 u Dicembru 2017 ma sar l-ebda skambju bejn il-partijiet jew almenu ma gie prezentat xejn quddiem il-Qorti li jevidenzjaw it-tentattivi tal-intimat li jizgombra d-dghajsa. Kien biss f'Dicembru, 2017 li jirrizulta li l-intimat Zammit ressaq kwerela sabiex jittiehdu passi kontra r-

rikorrenti David Sammut. L-isforz da parte tal-intimat Zammit intensifika biss fis-sena 2019 billi in fatti l-intimat ipprezenta messaggi u anke video sabiex jevidenzja t-tentattiv tieghu li jiehu d-dghajsa li pero' fl-okkazzjoni tas-17 ta' Lulju, 2019 malgrad li l-intimat mar bit-trailor sabiex jigbor id-dghajsa izda dan ma rnexxiex ghal ragunijiet li jirrizultaw mix-xhieda li tressqu wara quddiem din il-Qorti. Mhux l-istess jista' jinghad fuq ir-rikorrenti fejn mhux biss baghtu diversi drabi lill-intimat Zammit sabiex inehhi d-dghajsa, pero' hadu l-passi legali necessarji nkluzi dawk odjerni ghall-zgumbrament. Il-Qorti ser tiehu kont ta' dan kollu meta ser tigi sabiex tistabbilixxi l-hlasijiet dovuti.

Illi l-intimat fit-tieni eccezzjoni tieghu jeccepixxi li hemm kawza sub judice quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar bin-numru 530/2017 fl-ismijiet Boat Maintenance Malta Limited -vs- Ivan Gerald Zammit fuq l-istess mertu u li ghandha mhux deciza. Minn ricerka li l-Qorti ghamlet fis-sistema tal-eCourts jirrizulta li din il-kawza giet deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar nhar l-14 ta' Lulju, 2022 u hemm appell pendenti fuqha. Il-kawza msemmija hija unikament dwar hlasijiet dovuti sal-ahhar ta' Ottubru, 2017 ghal uzu ta' zewg postijiet ghall-istorage ta' dghajsa u karru. In vista li l-kawza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tkopri sal-ahhar ta' Ottubru, 2017 il-Qorti ser tillimita t-talba taghha u tibda minn Novembru, 2017 il' quddiem u dan sabiex jigu evitati kwistjonijiet ta' gudikat.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa zgur dovut hlas mill-intimat Zammit lis-socjeta' rikorrenti Boat Maintenance Malta Limited minn Novembru, 2017 sa Lulju, 2019 fejn huwa car li dakinhar l-intimat ghamel tentattiv sabiex jiehu d-dghajsa u r-rikorrenti ma tawx l-permess taghhom lill-impjegati ta' terzi S&S Bathrooms sabiex ihallu lill-intimat jiehu d-dghajsa ghaliex huma ma kienux hemm.

In fatti dakinhar bhal ma x-xatba infethet biex it-trailer seta' jdur fl-istess hin it-trailer seta jirmonka d-dghajsa u jehodha u r-rikorrenti kienu finalment jehilsu minn dan l-ingombru. Il-Qorti ma tifhimx il-bzonn li r-rikorrenti jkunu prezenti biex sid id-dghajsa stess johodha.

Illi s-socjeta' rikorrenti Boat Maintenance Malta Limited tipprezenta invoices a fol. 47 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li mill-11 ta' Awwissu, 2019 il' quddiem bdiet titlob il-hlas fl-ammont ta' €600 kuljum. Kif inghad fil-paragrafu precedenti, l-Qorti ser tillimita t-talba taghha ghal hlas sa Lulju, 2019 b'dan li ma tqisx li ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-hlas rikjest mir-rikorrenti fl-ammont ta' €600. Apparti li huwa diskutibbli kemm ir-rikorrenti setghu jitolbu dan l-ammont ezorbitanti ta' sitt mitt Euro kuljum (€600) minghajr ebda ftehim bejn il-partijiet. Dan iffisser li l-ammont dovut ghall-okkupazzjoni tal-intimat minn Novembru, 2017 sa Lulju 2019 huwa dak ta' €995.40.

Fir-rigward il-hlas dovut ghall-okkupazzjoni tat-trailor fl-atti ma tressqux provi dwar il-ftehim ezistenti bejn il-partijiet in konnessjoni mat-trailor. Lanqas ma tressqu provi minn meta sa meta dan it-trailor kien qieghed jokkupa l-ispazju. Apparti minn hekk l-allegazzjoni tal-intimat li t-trailor ma kienx qed jokkupa spazju ghaliex kien mitfugh fuq trailers ohra ma gietx kontradetta fl-atti. Il-Qorti ghalhekk ma tqisx li tressqu provi sufficjenti fir-rigward.

Illi dwar it-talba ghad-danni, l-uniku accenn li r-rikorrent David Sammut jaghmel ghad-danni li allegatament gew sofferti huwa fl-affidavit tieghu a fol. 43 et seq tal-process fejn jghid illi:

*'Nghid li fil-bidu ta' Marzu 2018 is-socjeta' attrici kellha tivvaka u tghalaq il-boatyard bi ftehim ma S&S Bathrooms filwaqt li kien hemm multi bil-gurnata jekk il-yard ma tigix vakata.'*

Il-Qorti tifhem li jekk verament kien hemm dawn il-multi ghaddejjin kuljum il-minimu li kellhom jaghmlu r-rikorrenti kien li jipprezentaw xi forma ta' prova dokumentarja minn fejn jirrizulta d-dekors ta' tali multa jew altrimenti xhieda li tikkonferma l-imsemmija multa. Is-socjeta' rikorrenti fl-atti ma ressqet l-ebda prova konkreta u konklussiva li tindikaw li s-socjeta' rikorrenti verament kienet soggetta ghal tali multa u li allura sofriet danni konsegwenza tal-okkupazzjoni tal-ispazju mill-intimat Zammit. Ghalhekk il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma pruvawx sal-grad rikjest mill-ligi li huma sofrew danni u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad din it-talba.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni u dan billi t-talba ser tigi limitata minn Novembru 2017 il' quddiem filwaqt li tghaddi sabiex tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Ivan Gerald Zammit sakemm dawn huma  nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tiddikjara l-ewwel talba bhala sorvolata billi d-dghajsa giet rimossa fil-mori tal-kawza;

3. Tilqa' in parte t-tieni talba u tillikwida l-ammont dovut ghall-okkupazzjoni tal-intimat Zammit minn Novembru, 2017 sa Lulju,

2019 fis-somma ta' disa' mija u hamsa u disghin ewro u erbghin centezmu (€995.40) filwaqt li tichad it-talba fir-rigward tal-okkupazzjoni mill-karru stante li mhux sufficjentement pruvata;

4. Tichad it-tielet talba stante li ma giex sufficjentement pruvat li r-rikorrenti sofrew danni konsegwenza tal-okkupazzjoni tal-intimat Zammit.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¾ mill-intimat u ¼ mir-rikorrenti salv ghall-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur li l-ispejjez taghha ghandhom jigu sopportati unikament mill-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Ottubru, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru, 2022**